MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 62

[Nhar il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier
Wayne Hewitt – Kunsillier
Graziella Attard Previ – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Joseph Galea – Kunsillier

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku ppreseda l-laqgħa fis-7pm.

## 62.1 Diskussjoni dwar l-att kontra l-kunsillier Jeremy Cardona

62.1.1 Il-Kunsill wera solidarjetà mall-kunsillier Jeremy Cardona wara li persuna dar għalih bil-karozza. Is-Sindku qal illi l-kunsilliera huma nies eletti mill-poplu u jagħmlu kollox b'mod volontarju. FL-ebda ħin m'għandna naċċettaw dawn l-atti kontra l-kunsilliera, jew kontra r-residenti.

62.1.2 Il-kunsillier Wayne Hewitt ressaq mozzjoni quddiem il-Kunsill [anness] fejn talab formalment illi l-awtoritajiet konċernati jipprovdu sigurtà u assistenza lil kull membru tal-Kunsill. Il-mozzjoni ġiet ssekondata mill-kunsilliera Graziella Attard Previ.

62.1.3 Il-kunsillier Jeremy Cardona rringrazzja lil dawk kollha li urew solidarjetà miegħu, kif ukoll lil min għenu mall-pulizija sabiex jieħu l-passi meħtieġa kontra l-persuna.

62.1.4 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jagħlaq il-bibien ħalli ma noħorġu l-ebda permessi, waqt illi ssuġġerixxa li ssir dimostrazzjoni biex tintemm il-protesta.

62.1.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li jekk ma nifttħux il-bibien tal-uffiċju nistgħu nkunu ppenalizzati mid-Dipartiment. Fl-istess ħin informa li jekk mhux se joħorġu permessi, peress illi l-maġġoranza ta' nies li jidħlu fl-uffiċju jiġu għall-permessi, iridu naħsbu għas-sigurta tal-uffiċjali li jkunu hemm.

62.1.6 Il-kunsillier Wayne Hewitt issekonda l-proposta tas-Sindku u l-kunsillier qablu unaniment illi l-bibieb jibqgħu magħluqin sa nhar it-Tlieta 5 ta' Ġunju u li ssir dimostrazzjoni f'triq Stuart fl-istess ġurnata.

Konfermati, illum il-Ħamis 28 ta' Ġunju 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |